MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tat-30 ta' Novembru, 2006

Citazzjoni Numru. 675/2000/1

**Denis Tanti.**

**vs.**

**Professur Roger Ellul Micallef fil-kwalita` tieghu bhala Rettur ta' l-Universita` ta' Malta, Prof. Edward Zammit bhala Direttur tal-Workers' Participation Development Centre u kif ukoll bhala Membru tal-Bord of Studies tad-Diploma in Social Studies (Occupational Health and Safety); Dr. Godfrey Baldacchino fil-kwalita` tieghu bhala Chairman tal-Bord of Studies tad-Diploma in Social Studies (Occupational Health and Safety) u t-Tabib Mark Gauci u t-Tabib Noel Vella rispettivament fil-kwalita` taghhom ta' Membru tal-Bord of Studies tad-Diploma in Social Studies (Occupational Health and Safety).**

**Il-Qorti,**

## <u>I. PRELIMINARI.</u>

Rat ic-citazzjoni attrici datata 10 ta' April 2000 a fol. 1 tal-processipprezentata quddiem din il-Qorti kif presjeduta fejn gie premess:-

Illi bejn l-1997 u l-1999 l-attur segwa kors fid-Dipartiment tal-*Workers' Participation Development Centre*, li ghandu bhala Direttur lill-konvenut Professur Edward Zammit, liema Dipartiment huwa fi hdan l-Universita` ta' Malta u dan kif rapprezentata mill-konvenut *nomine* r-Rettur, liema kors kien iwassal ghal *"Diploma in Social Studies (Occupational Health and Safety)";*

Illi l-konvenut Rettur *in ultima* analisi jirrispondi u hu responsabbli ghal dak li jigri fid-Dipartiment sudett u allura ghall-andament ta' kull ma jigi organizzat f'dak id-dipartiment, inkluz il-korsijiet sudetti;

Illi matul dan l-istess zmien, l-*Workers' Participation Development Centre* fuq imsemmi waqt li kien qieghed jorganizza l-kors sudett, kien ukoll qieghed jorganizza zewg korsijiet ohrajn, wiehed fl-*"Industrial Relations"* u l-iehor fil-"*Women and Gender"* u dan parti mid-Diploma Generali ta' *"Social Studies";*

Illi l-konvenut l-iehor Godfrey Baldacchino kien qieghed membru fuq il-*Bord of Studies* tat-tliet korsijiet imsemmija fid-*Diploma in Social Studies*, jigifieri *"Occupational Health and Safety", "Industrial Relations:* u *"Women and Gender";*

Illi fil-11 ta' Ottubru 1999, gew ippubblikati u maghrufa ghall-ewwel darba r-rizultati tal-kors *"Diploma in Social Stusies (Occupational Health and Safety)* li minnu kienu ghaddew b'kollox 22 minn 30 student li fosthom l-attur u student iehor gabu l-oghla marka globali.

Illi hadd mit-22 student li ghaddew minn dan il-kors, inkluz l-attur, ma nghata *"pass with distinction"* meta fil-fatt l-attur kellu jottjeni din il-marka, fost ohrajn, fid-dawl tal-*"Long Essay"* minnu sottomessa;

Illi l-otteniment tal-marki fuq imsemmija kienet b'konsegwenza li nghata grad manifestament inferjuri ghal-*"Long Essay"* u *cioe*` dak ta' C+ minn dak li rejalment kien jimmeritah, tant li l-istess Professur Alfred Cuschieri, Professur fid-Dipartiment ta' l-Awtorita` fl-Universita` ta' Malta, u li kien gie mahtur mill-istess *Bord of Studies* biex jissorvelja l-kitba tal-*"Long Essay"* ta' l-attur, bil-miktub iddikjara li dan il-*"Long Essay"* kien manifestament jimmeritah grad oghla minn dak assenjat mill-*"Bord of Studies";*

Illi kif ser jirrizulta fil-kors tal-kawza, minkejja li r-regolamenti tal-kors kienu jippermettu l-*"Long Essay"* kellha tigi sottomessa sas-17 ta' Settembru 1999, saret pressjoni indebita u kawza minaccjuza fuq l-attur, mill-konvenut Godfrey Baldacchino biex l-attur fi zmien xahrejn u mhux aktar tard mit-30 ta' April 1999, kellu jissottometti dan il-*"Long Essay"* bil-konsegwenza li l-attur kellu biss terz miz-zmien li kellhom ohrajn a dispozizzjoni taghhom, biex ihejju dan il-*"Long Essay";*

Illi meta sar il-*"Viva"* biex jigi determinat jekk l-attur ghandux jiehu *"pass with distinction" a*nke hawn inkisru r-regolamenti peress li ma sarx l-avviz skond l-istess regolamenti in kwistjoni;

Illi ndipendentement mill-imsemmija *"Long Essay"* l-attur kellu jottjeni *Pass With Distinction;*

Illi l-konvenut l-iehor Rettur ta' l-Universita` ta' Malta ghandu d-dmir li jaccerta u josserva li dawn ix-xorta ta' irregolaritajiet ma jitwettqux;

Illi ghalhekk l-istess attur talab lill-konvenuti jghidu ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:-

1. Tiddikajra li l-konvenuti jew min minnhom ma mxewx konformament mar-regolamenti stabbiliti, jew li bl-agir taghhom ippermettew lil min ma jimxix b'mod konformi ma' dawn ir-regolamenti, li jirregolaw kif ghandha tigi preparata sottomessa u ezaminata *"Long Essay"*

ghall-fini tas-sudett kors tas-*Social Studies (Occupational Health and Safety);*

2. Tiddikajra sussegwentement li b'konsegwenza ta' dan in-nuqqas l-attur gie pregudikat fis-sens li kellu jgib marka oghla minn dawk moghtija lill-attur u *cioe*` dik ta' C+ ghall-*"Long Essay"* u li allura l-istess nuqqas effettwa negattivament fil-grad finali ottenut mill-attur fil-kors imsemmi;

3. Tiddikjara sussegwentement, li indipendentement mil-*"Long Essay"* fuq imsemmija l-attur kellu jigi assenjat il-grad ta' *"pass with distinction"* fil-kors minnu segwit ta' *Social Studies (Occupational Health & Safety);* u

4. Tordna lill-konvenuti jew min minnhom, sabiex fi zmien qasir u perentorju jissostitwixxu l-grad ta' *"pass"* fil-kors segwit mill-attur ta' *Social Studies (Occupational Health and Safety)* b'dik ta' *"pass with distinction";*

5. Fin-nuqqas li l-konvenuti jew min minnhom jaghmlu dak lilhom ordnat fir-raba' talba, il-grad ta' *pass with distinction"* fil-kors sudett jigi in effett bis-sahha ta' din is-sentenza.

Bl-ispejjez u bil-konvenuti minn issa ngunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni u lista tax-xhieda ta' l-attur Denis Tanti a fol. 3, 4, u 5 tal-process;

Rat li din il-kawza kienet appuntata nhar it-8 ta' Mejju 2000 biex tinstema' fis-seduta tas-16 ta' Gunju 2000.

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet tal-konvenuti datata 31 ta' Mejju 2000 a fol.10 tal-process fejn gie eccepit:-

1. Illi preliminarjament l-attur iddekada mill-azzjoni li qed jittenta ghaliex din ma gietx istitwita fit-terminu ta' sitt xhur kif preskritt mill-**artikolu 469 A tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili (Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta)**

2. Illi, minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-ezaminaturi m'humiex sindikabbli fil-mod kif jimmarkaw u jiffissaw il-grad ta' kull student sakemm ma jigix pruvat li huma b'xi mod aggixxew bi ksur tal-ligi.

3. Illi, l-konvenuti fl-ebda mument ma naqsu li josservaw ir-regolamenti preskritti fil-mod kif gie ezaminat l-attur, kif ser jigi pruvat tul is-smiegh tal-kawza odjerna;

4. Illi fil-mertu l-marki u l-grad moghtija lill-attur kienu gusti u jirriflettu l-mod kif l-istudent mar fl-ezamijiet;

5. Illi ghaldaqstant t-talbiet ta' l-attur huma nfondati fil-fatt u fid-dritt;

6. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni u l-lista tax-xhieda tal-konvenuti a fol.11 u 12 tal-process.

Rat il-verbali mizmuma minn din il-Qorti kif presjeduta mis-16 ta' Gunju 2000 sas-seduta tas-6 ta' Gunju 2002.

Rat in-nota attrici tal-20 ta' Settembru 2000 fejn gie pprezentat l-affidavit ta' l-attur ta' l-istess data u dik tal-31 ta' Ottubru 2000 fejn gie esebit l-affidavit ta' Joseph C. Agius.

Rat in-nota ta' l-attur datata 40/98 fejn l-attur indika li gew miksura r-regolament 8 ta' l-Avviz Legali 40/98 u *Section* 5.1 tal-*Guidelines for Long Essays* kollox a fol. 52 tal-process.

Rat ix-xhieda ta' Dr. Godfrey Baldacchino datata 20 ta' Ottubru 2000 d-dokumenti hemm esebiti bhala Dok. "GB 1" u Dok. "GB 2" a fol. 44 u 45 tal-process u dik tas-7 ta' Frar 2001 u 15 ta' Mejju 2001; dik tal-Professur Alfred Cuschieri tal-15 ta' Mejju 2001; u ta' Alfred Seguna tat-28 ta' Gunju 2001.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Paul Farrugia datati 6 u 26 ta' Novembru 2001 fejn rega' xehed rega' Dr. Godfrey Baldacchino.

Rat n-nota tal-konvenut et datata 7 ta' Frar 2001 fejn gie esebit l-affidavit tal-Professur Edward L. Zammit datat 6 ta' Frar 2001 fejn esebixxa d-dokumenti 1, 2 u 3 kollox minn fol. 112 sa fol. 119 tal-process.

Rat il-verbali kollha tal-kawza mizmuma quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta mill-Onorevoli Mhallef Noel Cuschieri mis-seduta tat-13 ta' Novembru 2002 sas-seduta tad-19 ta' Ottubru 2005 fejn fl-ahhar seduta l-istess kawza giet differita ghall-ahhar darba ghall-provi tal-konvenut u finali trattazzjoni.

Rat is-seduta ta' l-1 ta' Marzu 2005 quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi fejn xehed Dr. Noel Vella

Rat in-nota ta' l-attur datata 19 ta' Settembru 2000 a fol. 17 tal-process fejn gew esebiti bhala Dok. "A" l-Avviz Legali Numru 40 tal-1998; Dok. "B" – *Guidelines for Long Essays*; Dok. "C" – Avviz Legali 171 tal-1971; Dok. "D" – Avviz Legali 259 tal-1998; Dok. "E" – ittra datata 15 ta' Novembru 1999, kollox a fol. 17 sa fol.32 tal-process.

Rat ukoll il-verbali tas-seduti mizmuma quddiem din il-Qorti kif illum hekk presjeduta mid-data tat-13 ta' Jannar 2006 sad-data tal-14 ta Gunju 2004 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Novembru 2006.

Rat ix-xhieda kollha hemm moghtija

Rat in-nota ta' l-osservazzjonijiet ta' l-attur datata 4 ta' Mejju 2006 a fol. 225 tal-process.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## <u>II. KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza fejn l-attur qed jallega li l-mod kif gie assessjat u ezaminat ghall-kors li jwassal ghad-*Diploma in Social Studies* fi hdan id-*Dipartiment tal-Workers Participation Centre* sar b'mod zbaljat u dan peress li qed jallega li l-prestazzjoni ta' l-istess attur ma gietx evalwata sew u dan ghaliex ma gewx segwiti r-regolamenti li jirregolaw l-istess kors, b'dan li bhala konsegwenza ta' dan l-agir ta' l-atturi, huwa gie pregudikat billi nghata skond dak minnu allegat il-grad 'biss' ta' *"Grade C +"* ghall-*Long Essay*, meta fil-fatt kellu jinghata grad ahjar ta' *'pass with distinction'* u wkoll minhabba f'hekk ma inghatx ukoll grad ahjar fid-*Diploma in Social Studies (Occupational Health and Safety),* b'dan li qed jitlob lill-Qorti li tordna li fl-istess Diploma u abbazi ta' dak li ssottometta l-attur huwa jinghata *"Pass with Distinction"* kollox fil-kuntest tat-talbiet attrici fic-citazzjoni minnhom ipprezentata kontra l-konvenuti.

Illi l-konvenuti taw l-ewwel eccezzjoni fis-sens li l-azzjoni attrici hja perenta ghaliex ma saritx fit-terminu ta' sitt xhur indikat fl-**artikolu 469 A tal-Kap 12,** izda la darba r-rizultati in kwistjoni hargu u gew ippublikati biss fil-11 ta' Ottubru 1999, din il-Qorti thoss li ladarba l-azzjoni attrici saret fl-10 ta' April 2000, mela allura l-istess azzjoni saret fit-terminu indikat mill-ligi u allura din l-eccezzjoni tal-konvenuti qed tigi michuda.

Illi jirrizulta li l-attur applika ghall-*Diploma in Social Studies* organizzat mill-*Workers Participation Development Centre* li kienet tirrikjedi li wiehed jattendi tlett korsijiet konsistenti f'Relazzjonijiet Industrijali, N-Nisa u l-Izvilupp u s-Sahha u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xoghol u dan kif regolat bl-Avviz Legali 40 tal-1998 – Regolamenti tal-1998 tal-Kors ghad-*Diploma ta' Social Studies* datati 6 ta' Frar 1998; dan it-tlett korsijiet kollha kienu amministrati minn Bord ta' l-Istudju rispettiv, b'dan li l-konvenut Dr. Godfrey Baldacchino kien membru f'kull Bord u Chairman fuq il-Bord ta' l-Istudji dwar s-Sahha u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xoghol.

Illi fil-fatt l-attur jallega li fit-2 ta’ Frar 1999 il-Bord ta’ l-Istudji ghall-kors 1997/1999, li kien qed isegwi l-attur, fil-qasam ta’ l-istess kors dwar s-Sahha u s-Sigurta fuq il-Post tax-Xoghol approva l-*Guidelines for Long Essays*.

Illi skond l-imsemmija regolamenti u senjatament skond l-artikolu 8 (2) tal-Avviz Legali 40 tal-1998 tali *essay* kellha tigi sottomessa sa zmien tlett xhur wara l-ezamijiet finali.

Illi l-attur jallega li kienet inghatat direttiva jew ordni mill-imsemmi Dr. Godfrey Baldacchino sabiex din l-*essay* tigi sottomessa mhux aktar tard mit-30 ta’ April 1999, u dan skond l-attur immur kemm kontra l-istess regolamenti izda wkoll ppregudika sew lilu u studenti ohra bhalu ghaliex b’hekk naqas sew iz-zmien ghall-prezentata ta’ l-istess, kif ukoll ghaliex b’hekk kien ser ikun hemm hin inqas biex wiehed jipprepara ruhu ghall-ezami finali; l-attur jghid li saret pressjoni fuqu sabiex josserva din id-direttiva tant li allega li l-istess Dr. Godfrey Baldacchino kien qallu li jekk ma jzommx ma’ dik id-data kien hemm il-possibbilta’ li ma jithalliex jiggradwa fic-cerimonja ta’ dik is-sena u ghalhekk l-attur hassu kostrett li josserva din id-direttiva u fil-fatt pprezenta din l-*essay* fit-30 ta’ April 1999, u ghalkemm kien hemm numru ta’ studenti li ghamlu bhalu, kien hemm numru iehor li xorta wahda prezenta l-istess *essay* fit-terminu indikat fir-regolamenti wara s-Sajf u xorta wahda ggradwaw. Jirrizulta li fil-fatt skond ir-regolamenti tali terminu sabiex tigi sottomessa din l-*essay* twila kienet sas-17 ta’ Settembru 1999 u din tohrog minn diversi xhieda inkluza dik ta’ Joseph Agius.

Illi l-istess attur jallega li fl-ezami li sar fl-10 ta’ Dicembru 1998 dwar zewg testijiet intitolati *Workstation Design (OHS 210) u Occupational Health and Toxicology (OHS 202)* l-Onorevoli s-Sur Michael Bonnici, li kien dak iz-zmien Membru Parlamentari u Deputat *Speaker* tal-Parlament, wasal biss meta kienu gja tqassmu l-karti tat-tieni test, izda it-Tabib Mark Gauci, ko-ordinatur tal-kors xorta wahda tah iz-zewg karti minkejja li l-istess ‘student’ kien dahal tard u ma kienx intitolat sabiex ikompli bit-testijiet abbazi tar-regolament 2 tar-Regolamenti dwar l-imgieba waqt l-Ezamijiet ta’ l-1997, ghalkemm fit-12 ta’

Dicembru 1998 saru emendi ghall-istess regolamenti b'dan li ma kienx iktar possibbli li jsir ilment kontra student bi ksur ta' l-imsemmi artikolu 2 quddiem il-Bord tad-Dixxiplina ta' l-Ezamijiet.

Illi fis-17 ta' Gunju 1999 sar l-ezami tat-tieni karta ta' l-Ezamijiet Finali li kellhu 20% tal-Grad Finali u kien hemm 4 mistoqsijiet u f'dik numru 5 l-attur sab diffikolta dwar is-sinifikat ta' l-istess mistoqsija, izda s-Sinjura Edith Rizzo, segretarja tal-WPDC ma kienitx taf twiegeb u b'hekk l-attur qal li tratta biss alternattiva wahda, ghax hekk kien fehem, meta fil-fatt irrizultalu li l-intenzjoni tal-mistoqsija kienet li jigu trattati iz-zewg sitwazzjonijiet u b'hekk minhabba dak li l-attur sejjah bhala nuqqas ta' assistenza xierqa waqt l-ezami huwa tilef marki b'effett negattiv fuq il-Grad Finali. Jghid li ghalkemm studenti ohra gew moghtija *graph paper* waqt l-ezami huwa ma giex moghti l-istess, ghalkemm kellu bzonn din il-karta minhabba li kellu bzonn jibdel twegiba ghal mistoqsija ohra – dan poggih fi zvantagg ma studenti ohra u facilment effettwa l-istess grad finali b'mod negattiv.

Illi jghid li fl-4 ta' Ottubru 1999 ghall-habta tan-nofs siegha ta' wara nofs in-nhar gie nformat mis-Sinjura Rizzo waqt li kien l-Universita' li huwa kellu ezami *viva voce* il-Gimgha 8 ta' Ottubru 1999 fil-WPDC, u meta cempel lil Dr. Baldacchino kien qallu li kien ghadda mill-kors u dan kien qed isir sabiex ikun deciz jekk ghandux jinghata l-ghola kategorija li huwa fehem bhala "Pass with Distinction" li kien l-ghola miz-zewg kategoriji li setghu jinkisbu fil-kors. Kien huwa u s-Sur Joseph Agius minn 30 kandidat li ssejhu ghal dan l-ezami u dan kien avzat ukoll fl-4 ta' Ottubru 1999 pero' permezz ta' telefonata (ghalkemm Edith Rizzo tghid li lil Joseph Agius informatu fl-1 ta' Ottubru 1999 – Dokument 2 – fol. 117). Il-Bord ta' Ezaminaturi kien kompost mill-Professur Edward Zammit, Dr. Baldacchino, it-Tabib Gauci, u t-Tabib Noel Vella, u l-ewwel wiehed informah li kellu jigi deciz jiehux marka iktar minn Pass. Jghid li wiegeb b'mod korrett u fid-dettal specjalment fuq l-*essay* twil li kienet intitolata *"Back Pain as an Occupational Hazard in Nursing".* Attenda ghal dan l-ezami minkejja li ma kellux pre-avviz ta' gimgha skond it-

Taqsima 5.1 tal-*Guidelines for Long Essays* approvati fit-2 ta’ Frar 1999. Din il-procedura kienet differenti minn dik adottata ghall-korsijiet l-ohra fir-Relazzjonijiet Industrijali u n-Nisa u l-Izvilupp rispettivament u dan ghaliex sabiex jinghata *Pass with Distinction* f’dawn il-korsijiet ma kienx hemm il-bzonn ta’ ezami *viva voce*. Fil-fatt Joseph Agius jghid li ghalkemm huwa gab grad gholi huwa xorta wahda ma nghatax *Pass with Distinction* mentri fil-korsijiet l-ohra tlett kandidati b’marki inqas inghataw tali pass bla ma sar ebda ezami *viva voce* u dan gie muri minnu b’lista a fol. 50 tal-process fl-affidavit tieghu. L-attur jghid li wiehed li ghadda f’dawn l-ahhar korsijiet b’dan il-mod kien s-Sur Mario Cutajar li nghata *Pass with Distinction* fil-kors fir-Relazzjonijiet Industrijali u dan meta kien jokkupa l-kariga ta’ Assistent Segretarju Generali tal-*General Workers Union* kif ukoll kien jaghmel parti mill-istess WPDC li organizza l-korsijiet kollha ghad-*Diploma in Social Studies*.

Illi fil-11 ta’ Ottubru 1999 hargu r-rizultati tal-kors tal-qasam tas-Sahha u s-Sigurta’ fuq il-Post tax-Xoghol fejn kienu ghaddew 22 minn 30 u minnhom hadd ma gab Pass with Distinction, u huwa gab it-tieni l-ghola marka B+, mentri l-ghola marka hadha s-Sur Agius bi grad A. Fil-kaz tieghu ha grad A fl-istudji u ghall-ewwel zewg karti ta’ l-Ezamijiet Finali u grad C+ ghal *essay* twil u ghat-tieni karta ta’ l-Ezamijiet.

Illi hawn l-istess attur jattribwixxa l-grad C+ fl-*essay* twil ghan-nuqqas ta’ zmien li huwa kellu sabiex issottometa l-istess, ghalkemm jghid li b’dak li kiteb xorta wahda kien haqqu izjed minn dak il-grad kif allega li qallu l-Professur Alfred Cuschieri. Dwar it-tieni karta kien affetwat minn direzzjoni hazina jew mankanti u n-nuqqas ta’ provista ta’ *graph paper*. Jghid li ma hijiex normali lanqas li ssir *viva voce* biex imbaghad jinghata Grad C+; fil-fatt l-istess procedura tintunza skond ittra datata 15 ta’ Novembru 1999 mir-Registratur ta’ l-Universita’ ghall-*borderline cases.*

Illi ghalhekk li l-istess attur talab *revision of paper* ta’ l-*essay* twil li saret mill-istess ezaminaturi u ezaminatur

iehor u dawn qablu fir-rapport taghhom li kellu jibqa' japplika r-rizultat originali ghalkemm l-attur isostni li l-ebda raguni ma kienet bhal dik li kienu tqajmu waqt l-ezami *viva voce.* Huwa jghid li ma nghatax kopja tar-rapport u meta rah ma kienx jaqbel ma dak hemm indikat.

Illi wara li rat l-allegazzjonijiet kollha ta' l-attur u l-versjoni tieghu din il-Qorti sejra taghddi sabiex tezamina jekk tali allegazzjonijiet gewx ippruvati u jekk humiex fondati legalment. Fil-fatt din il-Qorti thoss li dwar l-allegazzjoni principali ta' l-attur li saret pressjoni sabiex l-*essay* twila tigi sottomessa sa' April 1999 tant li l-attur hass li din kienet ordni tant li huwa hass li jekk ma jipprezentax l-istess fit-terminu hekk indikat minn Dr. Godfrey Baldacchino huwa u l-istudenti l-ohra ma kienux ser jiggradwaw, u li dan kien imur kontra r-regolamenti msemmija, tant li dawn jghidu li din setghet tigi sottomessa sa zmien tlett xhur mill-ahhar ezami, din assolutament ma tirrizultax ghaliex jidher mix-xhieda ta' Dr. Godfrey Baldacchino li kull ma ghamel kienet biss rakkomandazzjoni sabiex isir dan sabiex b'hekk wiehed ikollu iktar cans sabiex jikkoncentra fuq l-ezami, iktar tara x-xoghol ta' l-istess *essay* facli u mhux kbir, u fl-ahharnett jekk tigi sottomessa fis-Sajf ikun hemm il-perikolu li s-*supervisor* ma jkunx daqshekk disponibbli minhabba l-vaganzi u s-safar. F'dan il-Qorti thoss li l-imsemmi xhud kien car hafna fix-xhieda tieghu u enfassiza d-distinzjoni bejn ir-regolamenti u d-dritt ta' l-istudenti ghaz-zmien ghall-prezentata ta' l-istess u s-suggeriment tieghu min-naha l-ohra, li ghalkemm kien tali li wiehed irid jaghti kasu qatt ma gie prezentat bhala ordni li kien intenzjonat li jbiddel jew jinjora r-regolamenti. Din il-Qorti kellha l-opportunita' li tisma *viva voce* lill-istess xhud u thoss li mix-xhieda minnu moghtija johrog car, li ghalkemm b'certu insistenza kull ma ghamel Dr. Baldacchino kien li ta l-opinjoni tieghu dwar iz-zmien meta l-istess *essay* kellha tigi prezentata, izda bl-ebda mod din ma kienet intiza bhala ordni lill-istess studenti u wisq inqas ma kien hemm l-intenzjoni jew giet b'xi mod espressa l-idea li t-terminu moghti bir-regolamenti kien qed jigi mibdul jew revokat. Dan johrog car mix-xhieda ta' Dr. Godfrey Baldacchino datata 25 ta' Ottubru 2000 u senjatment minn fol. 71 sa 74

tal-process. Dwar dan fil-fatt l-istess xhud u konvenut kien konsistenti fix-xhieda tieghu kull darba li xehed jew itella' jixhed mill-attur, li ma kienitx okkazzjoni wahda.

Illi dan fil-fatt rega' gie ripetut u kkonfermat mill-istess Dr. Godfrey Baldacchino fl-istess seduta meta bl-iktar mod skjet qal hekk:-

*"Kelli l-Att Legali tan-1998 mieghi, kelli l-versjoni bl-Ingliz, ma taghmilx differenza, u l-ewwel li ghidtilhom l-istudenti qrajtilhom l-artikolu 8 sub-artikolu 2 li jghid hekk: ghidtilhom bl-ingliz: "L-essay twil ghandu jkun sottomess ghall-ezami mhux aktar tard minn tliet xhur wara tmiem l-ezamijiet finali............imbaghad komplejt biex ghidtilhom dan jien, li nonostante dan il-parir tieghi u spjegajtilhom l-ghaliex kif tajthom dan il-parir kif ghidtilkhom diga."* Illi dan ukoll gie ghal darba ohra kkonfermat mix-xhieda ta' l-istess Dr. Godfrey Baldacchino tal-15 ta' Mejju 2001.

Illi fil-fatt il-pratticita' ta' tali direttiva tohrog ikkonfermata u kkorroborata mix-xhieda tal-Professur Edward L. Zammmit li spjega li l-istess Dr. Godfrey Baldacchino kien korrett jekk huwa spejga li jekk l-istudenti jissottomettu l-*long essay* ghall-ezami wara nofs Settembru ta' sena partikolari, dan l-istudent ikun qed jissogra li ma jlahhaqx jiggradwa f'Novembru ta' l-istess sena. Dan minhabba l-procedura ta' *marking* minn aktar minn ezaminatur wiehed, il-possibbilta' li jitqabbad *third marker* u l-possibbilta' wkoll ta' *referal.*

Illi fil-fatt jidher ukoll li konferma tat-tezi tal-konvenuti huwa l-fatt li l-maggoranza ta' l-istudenti ma imxewx mar-rakkomandazzjoni ta' l-istess Dr. Baldacchino u xorta wahda gradwaw, tant li jidher li kien hemm biss tnejn li ghamlu l-*essay* sa April 1999, sebgha (7) sa Mejju 1999 (inkluz l-attur li ta l-istess inkartament fit-3 ta' Mejju 1999), 2 sa Gunju 1999, 2 sa Lulju 1999, 3 sa Awissu 1999, u 12 sa Settembru 1999 (Dokument 1 – fol. 115/116). Dan juri li l-maggoranza kbira ta' l-istudenti trattaw il-kliem ta' Dr. Godfrey Baldacchino biss bhala dak rakkomandabbli jew desiderabbli izda certament mhux bhala ordni li tbiddel jew tissupera r-regolamenti, ghaliex altrimenti l-

maggoranza kienu jipprezentaw l-istess *essay* qabel jew f'April 1999. Taht dan l-aspett jigi nnutat li kwazi l-ebda wiehed mill-istudenti li pprezentaw l-*essay* taghhom wara April 1999 u partikolarment dawk li pprezentaw l-*essay* f'Settembru 1999 ma gew ipprezentati bhala xhieda. Fil-verita' hemm eccezzjoni wahda u din konsistenti fix-xhieda ta' Alfred Seguna li ghalkemm qal li kien hemm insistenza li l-istess *essay* kellha tigi pprezentata sa April 1999, huwa stess lanqas ghamel dan ghaliex ipprezenta l-istess *essay* tieghu biss fil-11 ta' Mejju 1999, ghaliex sostna, b'mod li din il-Qorti thoss li huwa ghal kollox neboluz, li sema' li kien hemm estenzjoni ghall-prezentata ta' l-istess sa Mejju 1999, u dan irendi din ix-xhieda ta' l-isemmi xhud inverosimili u mhux kredibbli, iktar u iktar fl-isfond ta' kif xehed quddiem din il-Qorti.

Illi jekk wiehed ihares lejn l-ilment ta' kif giet gradata l-istess *essay*, li skond il-Professur Alfred Cuschieri kienet posittiva, din hija kwistjoni ta' opinjoni ta' l-ezaminatur min ikun u oggett ta' diskrezzjoni, kif l-istess xhud jammetti fix-xhieda tieghu tal-15 ta' Mejju 2001.

Illi dwar l-ilment l-iehor principali dwar l-ezami *viva voce* jinghad li dan l-ezami *viva voce* sar fil-kaz in ezami biss ghaz-zewg studenti li gabu l-ghola marki mill-istudenti l-ohra kollha li ghamlu l-istes kors u cjoe' Joseph Agius u l-attur li gabu l-grad ta' A u C+ rispettivament u dan sabiex l-istess jinghataw opportunita' biss sabiex igibu grad superjuri milli kellhom attwalment u sabiex l-ezaminaturi jaraw jekk kienx il-kaz li xi hadd mill-istudenti msejjha jinghata *Pass with Distinction*, u dan minkejja li l-marka ta' l-attur ta' 75% ma kienitx wahda ta' distinzjoni. Fil-fatt fil-*Long Essay* l-attur inghata B (70%) mill-Professur Albert Cuschieri u l-grad ta' C (60%) minn Dr. Mark Gauci, u tqabbad ezaminatur iehor li tah grad C. Dan wassal sabiex ghall-*Long Essay* inghata il-grad ta' C+, ghall-ezami finali gab il-grad ta' B, ghall-*Course Work* il-Grad ta' A, u dan wassal ghall-Grad Finali ta' B+.

Illi l-iskop ta' din il-*viva voce* johrog car mix-xhieda ta' Dr. Godfrey Baldacchino tas-6 ta' Novembru 2001 u mill-affidavit ta' Edward L. Zammit datat 6 ta' Frar 2001 fejn

gie ppruvat li l-istess Bord kompost minn erba' membri kien unanimu li, tenut kont ta' dak li gja inghad, u fi kwalunkwe kaz bil-mod kif irrispondew l-istess studenti l-ebda wiehed minnhom ma kien jisthoqqlu li jinghata *"Distinction"*, u allura l-attur ukoll baqa' bil-marka li kellu. Dan gie kkonfermat ukoll mix-xhieda ta' Dr. Noel Vella li kien fuq il-Bord li ghamel l-ezami *viva voce* lill-attur u li qabel ukoll li mir-rizultat ta' l-istess hadd ma kellu jinghata distinzjoni ghal dik is-sena.

Illi fil-fatt dan l-ezami ta' *viva voce* ma huwiex wiehed rikjest b'xi regolamenti, anke sabiex jinghata il-grad ta' *Pass with Distinction* pero' huwa ta' natura diskrezzjonali ghall-Bord u ghall-membri tieghu u f'dan il-kuntest jinghad ukoll li ghalkemm jirrizulta li ghall-ezami *viva voce* ta' l-attur ma kienx hemm pre-avviz ta' gimgha, dan it-terminu kien mehtieg biss f'dawk li jissejhu *GuideLines* u ma jidhirx li dawn kienu mandatorji jew parti mir-regolamenti, izda biss linji ta' gwidi li ghalkemm suggeriti u desiderabbli, n-nuqqas li jigu segwieti ma jwassalx sabiex jigi annullat il-process kollu; fuq kollox l-istess attur jidher li kien konxju ta' l-istess linji ta' gwida, u ghalkemm kien jaf li dan l-pre-avviz ta' gimgha ma inghatax lilu huwa ma gab l-ebda oggezzjoni, u wisq anqas talab lill-Bord li kien quddiemu li jaghtih l-istess terminu; kien biss meta ma gabx ir-rizultat li xtaq li huwa qajjem dan il-punt ta' teknikalita` izda din il-Qorti dan ma ghandux iwassal sabiex b'xi mod jigi vizzjat ir-rizultat moghti lill-attur mill-ezaminaturi tieghu, li fi kwalunkwe kaz, ghall dak li jirrizulta li kien l-ezami *viva voce* kien remot sew li dan setgha jwassal sabiex l-attur jinghata l-grad ta' *Pass with Distinction*, proprju minhabba l-grad li kellu ta' B+ li ma' kienx wiehed ta' distinzjoni u dan ma jirreferiex biss ghar-rizultat tal-*long essay* li l-attur tant ilmenta dwarha, izda wkoll ghall-rizultat ta' l-ezamijiet li pogga ghalihom fejn hemm ukoll gab il-grad ta' B.

Illi ghalhekk din il-Qorti thoss li l-ilmenti ta' l-attur dwar l-*long essay* u dwar l-ezami *viva voce* ma humiex gustifikati la fattwalment u lanqas legalment bil-mod kif fuq spjegat, fil-waqt li dwar l-ilmenti l-ohra dawn assolutament ma gewx ippruvati u baqghu biss allegazzjonijiet *da parte* ta' l-

attur, li rega' semmihom biss fin-nota ta' osservazzjonijiet tieghu, bla ebda element ta' prova, u ghalhekk abbazi tal-premess it-talbiet attrici ghandhom jigu respinti peress li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u bla ebda bazi fattwali u legali kif hawn deciz.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-ewwel eccezzjoni tal-konvenuti, izda tilqa' l-eccezzjonijiet l-ohra kollha ta' l-istess konvenuti nkwantu l-istess huma konformi ma' dak hawn deciz, **tichad it-talbiet attrici u dan *stante* li huma infondati fil-fatt u fid-dritt kif hawn deciz.**

Bl-ispejjez kollha kontra l-attur.

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------